**25 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

versus

Saviour Farrugia

## Xhud - Nuqqas ta' dehra ta' xhud - Appell ta' l-Avukat Ġenerali

*Meta xhud, debitament innotifikat kif jirriżulta mir-riferta, ma jidhirx biex jixhed quddiem il-Qorti Inferjuri, dik il-Qorti għandha, sakemm il-prosekuzzjoni ma tkunx irrinunzjat għal dak ix-xhud, u kemm-il darba dak ix-xhud ikun indispensabbli għall-każ tal-prosekkuzzjoni, tiddifferixxi l-kawża għal data oħra u tipproċedi kontra x-xhud kif pprovdut fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 441 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk dan ma jsirx l-Avukat Ġenerali jkollu dritt ta' appell skond l-artikolu 413 (1) (b) (vi) ta' l-imsemmi kodiċi.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Saviour Farrugia talli bħala bejjiegħ li ġabar it-Taxxa fuq l-Infiq fix-xhur ta' Ġunju, 1993 sa Frar, 1994 skond il-Kap. 341 jew ir-Regolamenti magħmulin skond dak il-Kap., issottometta l-prospetti tiegħu għax-xhur imsemmija b'mod bla kont billi ma niżżilx fihom in-numru speċifiku ta' l-aħħar fattura/riċevuta maħruġa minnu matul l-imsemmija xhur u aktar (sic.) bi ksur ta' l-artikolu 12 (10) ta' l-Att fuq it-Taxxa fuq l-Infiq, 1990 u Regolament 17 (iv) tat-Taxxa fuq l-Infiq (Servizzi Mogħtija f'Ristorant) (Avviż Legali 101 ta' l-1990);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Mejju, 1994 li fil-parti dispożittiva taqra hekk: "Ikkunsidrat, illi peress li l-prosekuzzjoni ma pproduċiet l-ebda prova sabiex issostni l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat il-Qorti ma għandha l-ebda alternattiva oħra ħlief li, tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali, minnu

ppreżentat fid-9 ta' Ġunju, 1994, li bih talab ir-revoka tas-sentenza aktar 'l fuq imsemmija u , wara li tisma' l-provi inkluż l-*Accountant General* jew rappreżentanti tiegħu, issib lill-imsemmi Saviour Farrugia ħati u tinfliġġi l-piena skond il liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż il-verbal tal-25 ta' Mejju, 1994, a fol. 2 ta' l-imsemmija atti;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jikkonsisti filli l-pulizija ġiet impeduta milli fil-kawża ġġib prova indispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża. Jiġifieri l-appell qed isir mill-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kodiċi Kriminali;

Mill-atti tal-kawża jirriżulta illi fil-25 ta' Mejju, 1994, meta ssejħet il-kawża deher l-imputat kif ukoll l-ispettur Patrick Spiteri għall-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni ippreżentat ir-riferta tan-notifika ta' l-*Accountant General* jew rappreżentant tiegħu. Il-verbal ta' dik is-seduta jkompli jaqra hekk: "Peress li dawn il-proċeduri ġew istitwiti fuq insistenza ta' l-*Accountant General* u billi dawn ġew imsejħin sitt darbiet u ma dehrux, huma qegħdin juru disprezz kbir lejn din il-Qorti kif ukoll nuqqas ta' interess fil-proċediment ta' din il-kawża. Il-prosekuzzjoni tiddikjara li ma għandhiex aktar provi". *In segwitu* dik il-Qorti għaddiet għas-sentenza li l-parti dispożittiva tagħha hi riportata hawn aktar 'l fuq;

Minn dan jirriżulta li l-Pulizija Eżekuttiva marret

ippreparata biex tipprosegwixxi l-kawża. Kienet ħarrket lill-*Accountant General* jew rappreżentant tiegħu li evidentement mhux biss kien xhud indispensabbli f'dan il-każ iżda kien l-uniku xhud. Ix-xhud, imsejjaħ diversi drabi, baqa' ma deherx, u l-Qorti għaddiet għas-sentenza billi illiberat lill-imputat;

Fil-waqt li din il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l-Qorti inferjuri tista' xi mindaqqiet tinsab fiha, ċjoe' li ma tkunx tista' tipproċedi biex tisma' kawża għax xhud jew xhieda ma jidhirx jew ma jidhrux, dan ma jiġġustifikax lil dik il-Qorti li tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli u taqbad tgħaddi għas-sentenza. Fid-dawl tad-diversi sentenzi ta' din il-Qorti, li ser jiġu aktar 'l quddiem elenkati, dak li kellha tagħmel l-ewwel Qorti kien li tiddifferixxi l-kawża għal data oħra u tipproċedi kontra x-xhud kif ipprovvdut fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 441 tal-Kodiċi Kriminali, *rez* applikabbli għall-proċeduri quddiem il-Qrati inferjuri bil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 525 ta' l-imsemmi kodiċi. Fil-kors tat-trattazzjoni orali, l-abbli difensura ta' l-appellant issottomettiet li quddiem l-ewwel Qorti il-prosekuzzjoni ma opponietx li l-kawża tinqata' u anqas ma talbet differiment. Il-Qorti, però, tosserva li għalkemm ċertament kien ikun aħjar u aktar prudenti li kieku t-talba għal differiment ġiet formalment irreġistrata, il-fatt li l-prosekuzzjoni ippreżentat ir-riferta u ma irrinunzjatx għax-xhieda ta' l-*Accountant General* jew rappreżentant tiegħu kienet indikazzjoni ċara li l-prosekuzzjoni riedet li dak ix-xhud jinstema'. Anqas ma hu argument validu dak miġjub mill-Qorti inferjuri fil-verbal tagħha, ċjoè li l-proċeduri ġew istitwiti fuq "insistenza" ta' l-*Accountant General* u li l-istess *Accountant General* qed juri nuqqas ta' interess fil-proċediment tal-kawża. Dawn il-proċeduri jidher li nbdew mill-Pulizija Eżekuttiva *ex officio*, għalkemm mhux eskluż, anzi hu probabbli, li jkun hemm rapport jew denunzja da parti ta' l-*Accountant General*. Però dan ma jiġġustifikax lill-*Accountant General* li jistultifika

l-proċeduri mibdija mill-Pulizija Eżekuttiva billi ma jidhirx. Fl-aħħar nett, id-difensura ta' l-appellant insistiet fuq il-*proviso* tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 525 li jgħid ''Iżda l-Qorti tista' tipproċedi *ex officio* mingħajr it-talba ta' ebda parti'', u argumentat li dan ifisser li f'każijiet simili l-Qorti tista' tiddifferixxi l-kawża u tista' ma tiddifferihiex. Dan l-argument huwa żbaljat. Jekk wieħed jara l-artikolu 441, jinduna li dana l-*proviso* qed jirreferi għas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 441. Dana l-*proviso* ma jawtorizzax lill-ewwel Qorti li timpedixxi lill-Pulizija jew, skond il-każ, lill-kwerelant, milli jġibu prova indispensabbli biex isaħħu l-akkuża;

Is-sentenzi li għalihom sar aċċenn aktar 'l fuq huma s-segwenti: **Il-Pulizija v. Mario Saliba**, 15/10/82; **Il-Pulizija v. Mario Magri**, 28/ 5/ 93; **Il-Pulizija v. Francis Callus**, 30/ 9/ 93; **Il-Pulizija v. Anthony Zarb**, 22/ 10/ 93; **Il-Pulizija v. Joseph Abdilla u Helen Abdilla**, 3/ 12/ 93; u **Il-Pulizija v. Francis Borg**, 10/ 12/ 93, ilkoll deċiżjonijiet ta' din il-Qorti;

Din il-Qorti sejra għalhekk takkolji l-appell ta' l-Avukat Ġenerali però ma taqbilx li għandha tkompli tisma' l-provi hi stess f'dana l-istadju u dana biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppju eżami, u għalhekk filwaqt li sejra tirrevoka s-sentenza appellata ser tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi u tiddeċidi l-kawża skond il-liġi;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni skond il-liġi.